# ĦNIENA!

*(Qabel ma tiġi x-xitwa).*

Niżlet ix-xita fuq l-uċuh maħsuda
U mnażżgħa minn kull ġmiel, mis-sbul, mill-ward;
U waqgħet bnina mis-smewwiet, Mulejja!
U raxxet b'ilmijietha ġuf il-art.

Imm'Int, Mulej, Int rajt kif ġens il-qirda
Qeridha l-art ħanina; u hi mhix trodd
Il-ħajja l'Int, o Ħniena! xtaqt tagħtina,
Għax dak li Inti bnejt ħallejtu jħott.

Rajna fuq Artna wkoll, flimkien max-xita
Tiegħek, qirda bla ħniena mis-smewwiet
Mitluqa: u ġġarrfu djarna... u Djarek! Djarek!..
Ġibilhom ħerba waħda ma' l-ibliet.

U ħares, ħares kif inqerdu wliedna...
It-tfal li tgħid li tħobb (hix ħasra dik?)
Imutu taħt għajnejna aktar magħduda
Minn ta' Betlem li nqatlu mħabba fik!

W issa, Mulej, xitwa oħra riesqa fuqna,
U donnha ġa tinxtamm riħa ta' demm;
U s-sħab ġej mgħaġġel, donnu jaf bil-qirda,
U donnu hawn is-skiet ta' qabel l-hemm.

Imm'Inti Ħniena. La tħallix il-qirda
Tinżel max-xita Tiegħek fuq din l-Art.
U jaqa' l-ilma Tiegħek, kollu ħajja,
Ħa nlibbsu l-Artal Tiegħek bl-isbaħ ward!

Ottubru 1942. FRAN. CAMILLERI.